DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2057

tat-13 ta' Novembru 2015

li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/413/UE li tawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu għal derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward tal-patata, minbarra l-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina fir-reġjuni ta' Akkar u Bekaa tal-Libanu

(notifikata bid-dokument C(2015) 7793)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/413/UE ([2]) tawtorizza derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE rigward patata, barra l-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina fir-reġjuni Akkar u Bekaa tal-Libanu għal perjodu limitat u suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi.

(2) Xi Stati Membri talbu estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex jidderogaw, kif previst permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/413/UE.

(3) Ladarba ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw dawk id-derogi għadhom japplikaw u ma hemmx la informazzjoni ġdida li tagħti raġuni għal reviżjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi u lanqas xi riskju ta' tixrid ta' organiżmi ta' ħsara, l-awtorizzazzjoni għad-derogi għandha tiġi estiża bi tliet snin.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/413/KE, id-data "31 ta' Ottubru 2015" għandha tinbidel bid-data "31 ta' Ottubru 2018".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/413/UE tat-30 ta' Lulju 2013 li tawtorizza lill-Istati Membri li tipprevedi għal derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward patata, barra l-patata maħsuba għat-tħawwil, li toriġina fir-reġjuni Akkar u Bekaa tal-Libanu (ĠU L 205, 1.8.2013, p. 13).